# Beati u Qaddisin...Gunju

**SAN GIOVANNI FISHER (1469 – 1535)**

**23 TA' GUNJU**

Giovanni Fisher kien bniedem gharef assocjat man-nies politici u intelletwali ta' zmienu. Eventwalment huwa sar kancillier gewwa Cambridge. Ta' 35 sena huwa gie konsagrat isqof u wiehed mill-interessi tieghu kien li jgholli l-livell tal-priedki gewwa l-Ingilterra.




Huwa nnifsu kien kittieb u predikatur mill-aqwa. Il-priedki tieghu fuq is-salmi penitenzjali kienu riprodotti ghal seba' darbiet qabel il-mewt tieghu. Mal-migja tal-Luteranizmu huwa dahal f'kontroversja. It-tmien kotba li kiteb tawh posizzjoni minn ta' quddiem fost it-teologi ta' l-Ewropa.

Fis-sena 1521 huwa gie mitlub biex jistudja l-problema taz-zwieg ta' Neriku VIII. Huwa dahal f'inkwiet kbir mar-re ghaliex zamm li z-zwieg rjali ma' Katerina kien wiehed validu. Aktar tard ir-rabja tar-re kompliet tikber kontrih ghaliex Fisher cahad li r-re huwa l-Kap Suprem tal-knisja ta' l-Ingilterra.

Huwa gie msejjah biex jiehu gurament ta' lealta' lejn il-kuruna flimkien ma' Thomas More. It-tnejn irrifjutaw li jaghmlu dan.

Inqaflu fit-Torri ta' Londra fejn Fisher dam 14 il-xahar minghajr ma ghamlu gustizzja mieghu. Finalment kienu moghtija sentenza ta' pruguneija ghal hajjithom u tilfu kull propjeta' u haga li kellhom.

Fisher gie akkuzat li tkellem privatament bhala sacerdot u ddikjara ghal darb'ohra li r-re ma kienx kap suprem tal-knsija ta' l-Ingilterrra. Ir-re aktar irrabja meta sema' li l-papa hatar lil Fisher kardinal u gabu quddiem il-qorti akkuzat li ma kienx fidil lejn ir-re. Gie kkundannat u qatghulu rasu u dendluha mal-Pont ta' Londra, bil-gisem tieghu jibqa' fuq il-forka l-jum kollu. Thomas More tnehha hmistax wara.